Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1359/2008

tat-28 ta' Novembru 2008

li jiffissa għall-2009 u l-2010 l-opportunitajiet ta' sajd ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

(ĠU L 352, 31.12.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010, tal-14 ta' Jannar 2010	L 21	1	26.1.2010

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1359/2008

tat-28 ta' Novembru 2008

li jiffissa għall-2009 u l-2010 l-opportunitajiet ta' sajd ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd konformement mal-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 il-Kunsill għandu jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura aċċess għall-ilmijiet u għar-riżorsi u l-eżerċizzju sostenibbli tal-attivitajiet tas-sajd billi jittieħed kont, inter alia, tal-parir xjentifiku disponibbli u ta' kwalunkwe parir mogħti mill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali stabbiliti taħt l-Artikolu 31 ta' dak ir-Regolament.

(2) Taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd għal kull tip ta' sajd jew grupp ta' tipi ta' sajd u li jallokahom konformement mal-kriterji preskritti.

(3) L-aħħar parir xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar ċerti stokkijiet ta' ħut li jinsabu fil-baħar fond jindika li dawk l-istokkijiet qed jinqabdu b'rati insostenibbli, u li l-opportunitajiet ta' sajd għal dawk l-istokkijiet għandhom jitnaqqsu sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom.

(4) L-ICES ukoll tat parir li r-rata ta' sfruttament tal-orange roughy fis-subżona VII tal-ICES hija għolja wisq. Barra minn hekk il-parir xjentifiku jindika li l-orange roughy fis-subżona VI huma eżawriti ferm u ġew identifikati żoni ta' aggregazzjonijiet vulnerabbli ta' dik l-ispeċi. Huwa għalhekk xieraq li s-sajd għall-orange roughy jiġi pprojbit f'dawk iż-żoni.

(5) Konformement mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet tal-baħar fond ([2]), l-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet tal-fond, kif definiti fl-Anness I għal dak ir-Regolament, jiġu deċiżi fuq bażi biennali. Madankollu, teżisti eċċezzjoni għall-istokkijiet tal-greater silver smelt u tal-linarda li għalihom l-opportunitajiet tas-sajd jiddependu fuq l-eżitu tan-negozjati annwali man-Norveġja. L-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet għalhekk għad iridu jiġu stabbiliti fir-Regolament annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd li jiġi deċiż mill-Kunsill f'Diċembru.

(6) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-kwoti, għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet speċifiċi li hija suġġetta għalihom l-attività tas-sajd.

(7) Taħt l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6.

▼B

ġħal tmexxija minn sena ġħal sena tal-TAC u l-kwoti [1], hu meħtieġ li jiġi indikat liema stokkijiet huma suġġetti ġħad-diversi miżuri stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ġħandhom jiġu ffissati b'referenza ġħaż-żoni ICES kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91 tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar is-sottomissjoni ta' statistika nominali dwar il-qabda mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku [2] u ġħaż-żoni CECAF (il-Kumitat ġħas-Sajd tal-Lvant tal-Atlantiku Ċentrali) kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2597/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar is-sottomissjoni ta' statistiċi nominali tas-sajd mill-Istati Membri li jistadu f'żoni li mhumiex fin-Nord Atlantiku [3].

(9) L-opportunitajiet ta' sajd ġħandhom jiġu utilizzati konformement mal-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam, partikolarment ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 tat-22 ta' Settembru 1983 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut tal-Istati Membri [4], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1381/87 tal-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-immarkar u d-dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd [5], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika ġħall-politika tas-sajd komuni [6], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet rigward permessi speċjali tas-sajd [7], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi ġħall-protezzjoni taż-żgħar ta' organiżmi tal-baħar [8], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 ġħall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound [9].

(10) Sabiex jiġi żgurat l-ġħajxien tas-sajjieda tal-Komunità, huwa importanti li dawn iż-żoni tas-sajd jinfetħu fl-1 ta' Jannar 2009. Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, huwa essenzjali li tingħata deroga ġħall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fit-Titolu I, l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi ġħall-2009 u l-2010 l-opportunitajiet ta' sajd annwali disponibbli ġħall-bastimenti tas-sajd Komunitarji ġħall-istokkijiet tal-ispeċijiet tal-baħar fond fl-ilmijiet Komunitarji u f'ċerti ilmijiet mhux Komunitarji fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet fuq il-qabdiet, u l-kundizzjonijiet speċifiċi li taħthom jistgħu jiġu utilizzati opportunitajiet ta' sajd bħal dawn.

---

(1) ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.
(2) ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1.
(3) ĠU L 270, 13.11.1995, p. 1.
(4) ĠU L 276, 10.10.1983 p. 1.
(5) ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9.
(6) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
(7) ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.
(8) ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.
(9) ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.

▼B

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "permess għas-sajd fil-baħar fond" tfisser il-permess imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002.

2. Id-definizzjonijiet taż-żoni ICES u CECAF huma dawk stipulati, rispettivament, fir-Regolament (KEE) Nru 3880/91 u r-Regolament (KE) Nru 2597/95.

Artikolu 3

L-iffissar tal-opportunitajiet ta' sajd

L-opportunitajiet ta' sajd għall-istokkijiet ta' speċijiet tal-baħar fond għall-bastimenti Komunitarji huma ffissati kif imniżżel fl-Anness.

Artikolu 4

Allokazzjoni fost l-Istati Membri

L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri prevista fl-Anness għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji taħt l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(b) allokazzjonijiet mill-ġdid magħmula taħt l-Artikoli 21(4) u 32(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u l-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(c) żbark addizzjonali permess taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(d) kwantitajiet miżmuma taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) tnaqqis magħmul taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

Artikolu 5

Flessibbiltà tal-kwoti

Għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 847/96, il-kwoti kollha fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala kwoti "Analitiċi".

Madankollu, il-miżuri previsti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 m'għandhomx japplikaw għal dawn il-kwoti.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet għall-iżbark ta' qabdiet u qabdiet inċidentali

1. Ħut minn stokkijiet li għalih l-opportunitajiet ta' sajd huma stabbiliti minn dan ir-Regolament jista' jinżamm abbord jew jiġi żbarkat biss jekk inqabad minn bastimenti ta' Stat Membru bi kwota li tkun għadha ma ntlaħqitx. L-iżbark kollu jitnaqqas mill-kwota.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal qabdiet li jsiru matul investigazzjonijiet xjentifiċi mwettqa taħt l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 850/98. Qabdiet bħal dawn m'għandhomx jitnaqqsu mill-kwota.

▼B

Artikolu 7

Orange roughy

1. Is-sajd għall-orange roughy għandu jkun ipprojbit fiż-żoni tal-baħar li ġejjin:

(a) dik iż-żona ta' baħar magħluqa minn linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-pożizzjonijiet li ġejjin:

57°00′ N, 11°00′ W

57°00′ N, 8°30′ W

56°23′ N, 8°30′ W

55°00′ N, 8°30′ W

55°00′ N, 11°00′ W

57°00′ N, 11°00′ W;

(b) dik iż-żona ta' baħar magħluqa minn linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-pożizzjonijiet li ġejjin:

55°30′ N, 15°49′ W

53°30′ N, 14°11′ W

50°30′ N, 14°11′ W

50°30′ N, 15°49′ W;

(c) dik iż-żona ta' baħar magħluqa minn linji rombu li jgħaqqdu sekwenzjalment il-pożizzjonijiet li ġejjin:

55°00′ N, 13°51′ W

55°00′ N, 10°37′ W

54°15′ N, 10°37′ W

53°30′ N, 11°50′ W

53°30′ N, 13°51′ W.

Dawk il-pożizzjonijiet u l-linji rombu u l-pożizzjonijiet tal-bastimenti korrispondenti għandhom jitkejlu konformement mal-istandard WGS84.

2. Bastimenti li jkollhom permess għas-sajd fil-baħar fond, li jkunu daħlu fiż-żoni definiti fil-paragrafu 1, m'għandhom iżommu abbord jew jittrażbordaw l-ebda kwantità ta' orange roughy, u lanqas m'għandhom jiżbarkaw kwalunkwe kwantità ta' orange roughy fi tmiem dik is-sajda sakemm:

(a) kwalunkwe tagħmir tas-sajd miżmum abbord ma jkunx marbut sew u stivat matul it-tranżitu konformement mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93; jew

(b) il-veloċità medja matul it-tranżitu ma tkunx ugwali għal, jew akbar minn, 8 mili nawtiċi fis-siegħa.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bastimenti li jkollhom permess għas-sajd fil-baħar fond jiġu ssorveljati tajjeb miċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd (ĊMS) li għandhom ikollhom sistema għad-ditezzjoni u r-reġistrazzjoni tad-dħul, it-tranżitu u l-ħruġ tal-bastimenti miż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

PARTI 1

Definizzjoni ta' Speċi u ta' Gruppi ta' Speċi

1. Fil-lista li tinsab fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, l-istokkijiet tal-ħut huma msemmija fl-ordni alfabetika li ġejja tal-ismijiet tal-ispeċi bil-Latin. Madankollu, klieb il-baħar tal-fond jitqiegħdu fil-bidu ta' dik il-lista. Hawn taħt tinsab tabella ta' korrispondenza ta' ismijiet komuni u ismijiet bil-Latin għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

Isem Komuni	Isem Xjentifiku
Ċinturin iswed	*Aphanopus carbo*
Alfonsinos	*Beryx* spp.
Roundnose grenadier	*Coryphaenoides rupestris*
Orange roughy	*Hoplostethus atlanticus*
Linarda	*Molva dypterygia*
Paġella Ħamra	*Pagellus bogaraveo*
Lipp tal-qawwi	*Phycis blennoides*

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "klieb il-baħar tal-fond", tfisser il-lista ta' speċijiet li ġejjin:

Isem Komuni	Isem Xjentifiku
Iceland catshark	*Apristuris* spp.
Żagħrun	*Centrophorus granulosus*
Leafscale gulper shark	*Centrophorus squamosus*
Mazzola Portugiża	*Centroscymnus coelolepis*
Longnose velvet dogfish	*Centroscymnus crepidater*
Mazzola sewda	*Centroscyllium fabricii*
Mazzola (Birdbeak dogfish)	*Deania calceus*
Murruna Sewda	*Dalatias licha*
Mazzola kbira tal-fanal	*Etmopterus princeps*
Mazzola tal-Fanal (velvet belly)	*Etmopterus spinax*
Blackmouth dogfish	*Galeus melastomus*
Mouse catshark	*Galeus murinus*
Greenland shark	*Somniosus microcephalus*

▼B

PARTI 2

Opportunitajiet annwali ta' sajd applikabbli għal bastimenti Komunitarji f'żoni fejn jeżistu limitazzjonijiet fuq il-qabdiet abbażi tal-speċi u taż-żona (f'tunnellati ta' piż ħaj)

Ir-referenzi kollha huma għas-subżoni u/jew diviżjonijiet tal-ICES sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor.

Speċi:	Klieb il-Baħar tal-Fond		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' V, VI, VII, VIII u IX (DWS/56789-)
Sena	2009 (1)	2010 (2)		
Ġermanja	20	0		
Estonja	1	0		
Irlanda	55	0		
Spanja	93	0		
Franza	339	0		
Litwanja	1	0		
Polonja	1	0		
Portugall	127	0		
Renju Unit	187	0		
KE	824	0		

(1) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd speċifiku għall-klieb il-baħar tal-fond.
(2) Huwa permess sajd inċidentali sa 10 % tal-kwoti tal-2009.

Speċi:	Klieb il-Baħar tal-Fond		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' X (DWS/10-)
Sena	2009 (1)	2010 (2)		
Portugall	10	0		
KE	10	0		

(1) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd speċifiku għall-klieb il-baħar tal-fond.
(2) Huwa permess sajd inċidentali sa 10 % tal-kwoti tal-2009.

Speċi:	Klieb il-Baħar tal-Fond u *Deania histricosa* u *Deania profondorum*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' XII DWS(12-)
Sena	2009 (1)	2010 (2)		
Irlanda	1	0		
Spanja	17	0		
Franza	6	0		
Renju Unit	1	0		
KE	25	0		

(1) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd speċifiku għall-klieb il-baħar tal-fond.
(2) Huwa permess sajd inċidentali sa 10 % tal-kwoti tal-2009.

▼B

Speċi:	Ċinturin iswed *Aphanopus carbo*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' I, II, III u IV (BSF/1234-)
Sena	2009	2010		
Ġermanja	4	4		
Franza	4	4		
Renju Unit	4	4		
KE	12	12		

Speċi:	Ċinturin iswed *Aphanopus carbo*		Żona:	L-ilmijiet tal-Komunità u l-ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' V, VI, VII u XII (BSF/56712-)
Sena	2009	2010		
Ġermanja	32	29		
Estonja	15	14		
Irlanda	78	73		
Spanja	156	145		
Franza	2 189	2 036		
Latvja	102	95		
Litwanja	1	1		
Polonja	1	1		
Renju Unit	156	145		
Oħrajn ([1])	8	8 ([1])		
KE	2 738	2 547		

([1]) Esklussivament għal qabdiet inċidentali. L-ebda sajd speċifiku mhu permess taħt din il-kwota.

Speċi:	Ċinturin iswed *Aphanopus carbo*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VIII, IX u X (BSF/8910-)
Sena	2009	2010		
Spanja	11	11		
Franza	28	26		
Portugall	3 561	3 311		
KE	3 600	3 348		

Speċi:	Ċinturin iswed *Aphanopus carbo*		Żona:	Ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' CECAF 34.1.2. (BSF/C3412-)
Sena	2009	2010		
Portugall	4 285	4 285		
KE	4 285	4 285		

▼B

Speċi:	Alfonsinos *Beryx spp.*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (ALF/3X14-)
Sena	2009	2010		
Irlanda	10	10		
Spanja	74	74		
Franza	20	20		
Portugall	214	214		
Renju Unit	10	10		
KE	328	328		

Speċi:	Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' I, II, IV u Va (RNG/1245 A-)
Sena	2009	2010		
Danimarka	2	2		
Ġermanja	2	2		
Franza	11	11		
Renju Unit	2	2		
KE	17	17		

▼M1

Speċi:	Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' III (1) (RNG/03-)
Sena	2009	2010		
Danimarka	804	804		
Ġermanja	5	5		
Svezja	41	41		
KE	850	850		

(1) L-ebda sajd dirett għar-roundnose grenadier ma għandu jsir fiż-żona tal-ICES IIIa sakemm jitlestew il-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja.

▼B

Speċi:	Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' Vb, VI, VII (RNG/5B67-)
Sena	2009 (1)	2010 (1)		
Ġermanja	7	6		
Estonja	57	49		
Irlanda	254	216		
Spanja	63	54		

▼B

Speċi:	Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' Vb, VI, VII (RNG/5B67-)
Franza	3 222	2 738		
Litwanja	74	63		
Polonja	37	32		
Renju Unit	189	160		
Oħrajn (2)	7	6		
KE	3 910	3 324		

(1) Massimu ta' 8 % ta' kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VIII, IX, X, XII u XIV.
(2) Qabdiet inċidentali biss. L-ebda sajd speċifiku mhu permess taħt din il-kwota.

Speċi:	Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VIII, IX, X, XII u XIV (RNG/8X14-)
Sena	2009 (1)	2010 (1)		
Ġermanja	34	34		
Irlanda	7	7		
Spanja	3 734	3 734		
Franza	172	172		
Latvja	60	60		
Litwanja	7	7		
Polonja	1 168	1 168		
Renju Unit	15	15		
KE	5 197	5 197		

(1) Massimu ta' 8 % ta' kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' Vb, VI, VII.

Speċi:	Orange roughy *Hoplostethus atlanticus*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VI (ORY/06-C.)
Sena	2009	2010		
Irlanda	2	0		
Spanja	2	0		
Franza	11	0		
Renju Unit	2	0		
KE	17	0		

Speċi:	Orange roughy *Hoplostethus atlanticus*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VII (ORY/07-C.)
Sena	2009	2010		
Irlanda	15	0		
Spanja	0	0		
Franza	50	0		
Renju Unit	0	0		
Oħrajn	0	0		
KE	65	0		

▼B

Speċi:	Orange roughy *Hoplostethus atlanticus*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XII u XIV (ORY/1CX14C)
Sena	2009	2010		
Irlanda	2	0		
Spanja	1	0		
Franza	9	0		
Portugall	2	0		
Renju Unit	1	0		
KE	15	0		

Speċi:	Linarda *Molva dypterygia*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' II, IV u V (BLI/245-)
Sena	2009	2010		
Danimarka	5	4		
Ġermanja	5	4		
Irlanda	5	4		
Franza	28	25		
Renju Unit	18	15		
Oħrajn	5	4 (1)		
KE	66	56		

(1) Esklussivament għal qabdiet inċidentali. L-ebda sajd speċifiku mhu permess taħt din il-kwota.

Speċi:	Linarda *Molva dypterygia*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' III (BLI/03-)
Sena	2009	2010		
Danimarka	5	4		
Ġermanja	3	3		
Svezja	5	4		
KE	13	11		

Speċi:	Paġella Ħamra *Pagellus bogaraveo*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VI, VII u VIII (SBR/678-) (1)
Sena	2009	2010		
Irlanda	7	6 (2)		
Spanja	204	172 (2)		

▼B

Speċi:	Paġella Ħamra *Pagellus bogaraveo*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VI, VII u VIII (SBR/678-) (1)
Franza	10	9 (2)		
Renju Unit	25	22 (2)		
Oħrajn	7	6 (2) (3)		
KE	253	215		

(1) Għandu jiġi rispettat daqs minimu ta' żbark ta' 30 cm (tul totali) fl-2009 u 35 cm (tul totali) fl-2010. Madankollu, fl-2010, 15 % tal-ħut żbarkat jista' jkollu daqs minimu ta' żbark ta' mill-inqas 30 cm (bħala tul totali).
(2) Sa 10 % tal-kwoti tal-2010 jistgħu jinqabdu f'Diċembru 2009.
(3) Qabdiet inċidentali biss. L-ebda sajd speċifiku mhu permess taħt din il-kwota.

Speċi:	Paġella Ħamra *Pagellus bogaraveo*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' IX (SBR/09-) (1)
Sena	2009	2010 (2)		
Spanja	722	614		
Portugall	196	166		
KE	918	780		

(1) Għandu jiġi rispettat daqs minimu ta' żbark ta' 30 cm (tul totali) fl-2009 u 35 cm (tul totali) fl-2010. Madankollu, fl-2010, 15 % tal-ħut żbarkat l-art jista' jkollu daqs minimu ta' żbark ta' mill-inqas 30 cm (bħala tul totali).
(2) Sa 10 % tal-kwoti tal-2010 jistgħu jinqabdu f'Diċembru 2009.

Speċi:	Paġella Ħamra *Pagellus bogaraveo*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' X (SBR/10-)
Sena	2009	2010		
Spanja	10	10 (1)		
Portugall	1 116	1 116 (1)		
Renju Unit	10	10 (1)		
KE	1 136	1 136 (1)		

(1) Sa 10 % tal-kwoti tal-2010 jistgħu jinqabdu f'Diċembru 2009.

Speċi:	Lipp tal-qawwi *Phycis blennoides*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' I, II, III u IV (GFB/1234-)
Sena	2009	2010		
Ġermanja	9	9		
Franza	9	9		
Renju Unit	13	13		
KE	31	31		

▼B

Speċi:	Lipp tal-qawwi *Phycis blennoides*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' V, VI u VII (GFB/567-)
Sena	2009	2010		
Ġermanja	10	10		
Irlanda	260	260		
Spanja	588	588		
Franza	356	356		
Renju Unit	814	814		
KE	2 028	2 028		

Speċi:	Lipp tal-qawwi *Phycis blennoides*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VIII u IX (GFB/89-)
Sena	2009	2010		
Spanja	242	242		
Franza	15	15		
Portugall	10	10		
KE	267	267		

Speċi:	Lipp tal-qawwi *Phycis blennoides*		Żona:	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt issovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' X u XII (GFB/1012-)
Sena	2009	2010		
Franza	9	9		
Portugall	36	36		
Renju Unit	9	9		
KE	54	54		